*Ħidmet l-Għaqdiet tal-Parroċċa*



# L-Anniversarju tal-100 Sena mill-wasla tal-Qniepen tal-Qala, Għawdex.

***Mill-GĦAQDA QNIEPEN QALA***

*Doqqu Doqqu Qniepen Doqqu*
*Doqqu Doqqu Kbar u żgħar*
*Għax illum il-Festa tagħna!*
*Il-Festa tat-Titular!*

Min jaf kemm il-darba smajtu din it-taqbila f'diversi festi, taqbila sempliċi li fiha ħsieb warajha. 100 Sena qniepen, 100 sena li fihom il-qniepen tagħna ta' kemm il-darba semmew leħinhom f'mumenti ta' ferħ, dieqa, u importanza. Min jaf kemm il-darba smajtu t-tokki ta' nofsinhar, l-erbgħa moti f'jum il-festa tal-Patrun tagħna San Ġużepp, il-mota solenni ta' San Ġużepp lejliet il-Festa. Però ha nkomplu ndoqqu?

**Il-Qniepen tagħna**

Huwa fatt li r-raħal tagħna, b'unur li għandna biex niftaħru, għandna sett mill-isbaħ, mid-ditta magħrufa mal-gżejjer Maltin u Għawdxin, tal-Fonderija Fratelli Barigozzi ta' Milan fl-Italja. Tista' tgħid is-sett tagħna kien ir-reklam tal-fonderija minħabba l-popolarità li ġabu magħhom il-qniepen tagħna. Is-sett tagħna jikkonsisti minn ħames qniepen. Saru fiż-żmien Dun Ġużepp Cassar, il-ħames Kappillan tal-Qala, u ġew ordnati n-noti taħt t-tmexxija tal-qassis Dun Ġużepp Farrugia.

Iż-żgħira, Pawla, tiżen 170kg u għandha tonalità ta' DO#4

It-tieni, Mikelina, tiżen 340kg u għandha tonalità ta' LA3

It-Tielet, Ġużeppa, tiżen 800kg u għandha tonalità ta' MI3

Ir-Raba Marija Immakulata, tiżen 1370kg u għandha tonalità ta' DO#3

Il-Kbira, Ewkaristija, tiżen 2800kg u għandha tonalità ta' LA2

**Id-Ditta ta'Barigozzi ġewwa l-Gżejjer Maltin**

Il-Fonderija Barigozzi għanda ukoll settijiet u qniepen oħra mferxin mal-Gżejjer Maltin. Dawn jinkludu; Sant'Agata, Rabat, Malta (1911), Marsa (1912), Ħal Safi (1920), Mellieħa (1925), San Ġorġ, Għawdex (1925), Ħal Luqa (1928), Għasri (1930), Żebbuġ, Għawdex (Kbira 1930), Savina, Rabat, Għawdex (1931), Birkirkara (Kbira 1932), Santa Marija, Żurrieq (żgħira 1931) Sannat (1932), Mqabba (Kbira u iż-żgħira 1932), San Franġisk, Rabat, Għawdex (1956), Katidral tal-Mdina (Kbira u ż-żgħira fl-1958), Fontana (1958) Ħal Tarxien (tnejn iż-żgħar 1960), Kunċizzjoni Qala Għawdex (1963), Wardija (waħda fl-1938 u erbgħa fl-1965), u diversi qniepen żgħar oħra li jinstabu f'diversi kappelli.

L-Ikbar qanpiena f'Malta li hi mdendla ġo knisja ukoll maħduma mid-ditta Barigozzi u tinsab ġewwa Birkirkara. Saret fl-1932 wara żewġ qniepen kbar, l-ewwel ta' Ġużè Grech fl-1891 u nqasmet kważi mal-ewwel u t-tieni attentat sar mil-fundatur famuż Malti, Ġulju Cauchi fl-1901 iżda nqasmet 10 snin wara. Fl-1932 nġabru l-fondi u saret l-qanpiena l-kbira, l-ikbar qanpiena li qatt ħadem f'ħajtu Prospero Barigozzi.



**L-Għaqda Qniepen Qala**

L-Għaqda ifforma mill-ġdid ftit ġimgħat qabel il-Festa ta'San Ġużepp tal-2017, min dakinhar il-quddiem, l-għaqda baqet taħdem sal-lum il-ġurnata, tagħti s-servizzi tad-daqq u kemm għajnuna f'xi restawr li kellu jsir.

Iżda dan is-sett meraviljuż ma jistax jindaqq waħdu, għalhekk dawn l-aħħar snin kienet importanti ferm li nżommu grupp li se jdoqq dawn il-qniepen f'kull okkażjoni b'mod kif jixraqilhom. L-Għaqda Qniepen Qala matul dawn l-aħħar snin għalhekk kienet ta' servizz kontinwu biex

nżommu t-tradizzjoni importanti ħajja, tradizzjoni li tista' tgħid imnaqqxa fid-DNA tagħna, mingħajr qniepen ma' tkunx festa kompluta! L-għaqda kienet ta'servizz kemm ġewwa r-raħal tal-Qala f'kull okkażjoni kemm kbira u kemm żgħira, u kemm barra r-raħal b'servizzi f'festi oħrajn, bħal-Festa ta' San Ġwann Battista. fix-Xewkija, fil-Festa ta' San Ġorġ Martri, fir-Rabat Għawdex u fil-Festa ta' San Pietru u San Pawl, fin-Nadur.

Saru ukoll xi restawr fil-kampnar. Sar it-tibdil fis-sistema tad-daqq min isfel, għal ta' kuljum. Min ħbula, nbidlet għal sistema tal-azzar li għamlet biex d-daqq min isfel jkun ferm eħfef, li ngawdu minnu kuljum. Saru ukoll sett liedni bojod bil-blu ġodda għal-Festa kif ukoll r-restawr tal-imrietel tal-arloġġ minħabba li waslu fi stat ħażin u ta' periklu għad-daqqaqa. Bl-għajnuna tal-Arċipriet Injazju Borg, ġie rrestawrat ukoll l-Kampnar tal-Qanpiena l-Kbira u anke l-ilsien tal-Qanpiena l-Kbira, min hawn nirringrazzja lil Dun Injazju tal-proġett! Ukoll dis-sena sar iktar restawr fil-"pullies" li inbidlu wara li ssaddew għal-kollox. Din is-sena, l-Għaqda ħadet inizjattiva biex fiż-żmien tal-Festi tal-Għid terġa tindaqq iċ-ċuqlajta wara zmien twil mill-aħħar użu tagħha. Tradizzjonalment, iċ-ċuqlajta tieħu post il-qniepen wara d-daqq tal-Glorja nhar Ħamis ix-Xirka, u tibqa tindaqq sa qabel il-velja ta' Sibt il-Għid. Dis-sena ukoll saru sett liedni ġodda, sett liedna blue u abjad għal-Festa Titulari u sett abjad għal-Għid u Milied. Dawn huma kollha inizzjattivi li ħadu l-membri tal-Għaqda Qniepen Qala.

**Konklużjoni**

Min jaf kemm il-persuna tela' ġol-kampnar, min jaf kemm il-persuna qabad ħabel u daqq qanpiena, min jaf kemm il-mota ndaqqet dawn l-aħħar 100 sena, u min jaf kemm se jkun hemm persuni oħra li ħa jdoqqu dawn l-qniepen tant sbieħ tagħna, li jpaxxu l-widnejn madwar r-raħal kollu tal-Qala. Ma hemm xejn isbaħ milli tisma l-mota ferrieħa nhar il-festa fis-sħana qalila ta'Awwissu akkumpanjat mal-banda u man-Nar tal-ajru, ma hemm xejn isbaħ milli tisma l-mota ta' San Ġużepp lejliet l-festa, bin-nies jħarsu l-fuq jisimgħu l-melodija tal-qniepen tagħna, u ma hemm xejn isbaħ mid-daqq tal-Glorja li jkisser is-skiet ta'nhar il-lejl tal-Għid il-Kbir! Nirringrazzja lin-nies kollha tas-sapport kontinwu, aħna li ndoqqu l-qniepen inkunu impenjati ħafna u l-kliem ta' ringrazzjament u sapport jgħin ħafna biex nkomplu b'dan l-impenn importanti. Nirringrazzja ukoll lill-kull min kien parti min din l-Għaqda, huwa ta'sodisfazzjoni kbir li din l-għaqda tibqa ħajja! Dan ix-xogħol kollu qed nagħmluh mhux għalina iżda għal-Patrun tal-Knisja Universali, Patrun tal-Qala u l-Qalin, San Ġużepp!

**Viva San Ġużepp! Viva l-Manjus!**


JOSEPH CUTAJAR



☞ Installation and Hire of Stage Lights

☞ Electrical and Plumber Contractor



t. 21550440

m. 99490286

e. joseph.cutajar@go.com.mt